# *Il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien tagħlaq 350 Sena (1668-2018)*

Joseph A. Farrugia

Meta Ħal Tarxien sar parroċċa fid-29 ta' Mejju 1592 f'Malta kien hawn ġuħ kbir u f'Gunju bdiet l-imxija tal-pesta li qatlet diversi nies. Wieħed jista jimmaġina l-faqar li kien hawn fir-raħal tagħna. Il-knisja parrokkjali ma kinetx fil-qalba tar-raħal u minħabba f'hekk it-Tarxiniżi bdew igergru. L-ewwel kappillan, Dun Sebastjan Cuscusu, ma tantx kien jagħti każ u barra minn hekk biex tibni knisja mdaqqsa trid il-flus mhux ftit. In-nies ta' Ħal Tarxien li kienu joqogħdu qrib it-tliet knejjes fil-qalba tar-raħal u qrib il-kappella ta' Santa Marija kienu bdiewa u rgħajja filwaqt li dawk li kienu joqgħodu qrib ix-xatt ta' San Franġisk kienu sajjieda u bdiewa. Dawn in-nies kienu jinqdew bil-knisja ta' San Ġwann t'Għuxa. It-Tarxiniżi kienu jaqilgħuha u jiekluha.

Għaddew is-snin u t-tieni kappillan, Dun Ġwann Pawl Agius, kien jaf bit-tgergir tat-Tarxiniżi għax kien ilu jagħmilha ta' viċi-kappillan għal ħafna snin. Dan il-kappillan kien jaf bix-xewqa kbira li kellhom it-Tarxiniżi li jibnu knisja fil-Misraħ tar-raħal. Kien jaf ukoll li t-Tarxiniżi kienu nies fqar u li biex tibni knisja trid ħafna flus. Għalhekk fil-5 ta' Mejju 1610, flimkien mar-retturi ta' dawk it-tliet knejjes li kien hemm fil-Misraħ ta' Ħal Tarxien, għamel talba lill-isqof Cagliares biex iwaqqgħu dawk it-tliet knejjes u bil-flus, renti jew beni tagħhom kien ikun jista' jibda l-bini ta' knisja ikbar fil-Misraħ tar-raħal. Il-beni ta' dawk it-tliet knejjes ma kinux biżżejjed u l-kappillan kellu jitlob lill-isqof biex jibda jwaqqa' dawk il-kappelli qalb l-għelieqi li kien hemm fil-konfini ta' Ħal Tarxien bħal ta' San Anard, ta' Sant'Andrija u tnejn ta' San Nikola. U hawn jidħol ċertu Dijonisju Calleja li milli jidher kien raġel tal-flus għax offra lill-kapillan biex fil-knisja l-ġdida hu jħallas għall-bini ta' kappella li tkun iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Hu talab lill-isqof Cagliares biex jibni din il- kappella. Hu ġie mogħti dan il-permess fil-11 ta' Marzu 1617. Ftit xhur wara, nhar is-16 ta' Novembru wieġħed li jipprovdi kull ma kien meħtieġ biex tibda ssir l-festa tal-Kunċizzjoni f'din il-kappella. B'hekk, din il-kappella saret ġuspatronat tal-familja ta' Dijonisju Calleja. Dan, barra hekk ħa ħsieb jagħmel f'dik il-kappella qabar għalih u għall-werrieta tiegħu, għamel ukoll, fuq in-naħa tax-xellug, skrizzjoni biex ifakkar l-għotja ta' din l-kappella li kien għamillu l-isqof Cagliares. Din l-iskrizzjoni kienet tneħħiet snin ilu.

Dijonisju Calleja ma damx wisq li ma ħax ħsieb sewwa dik il-kappella tiegħu, hekk li nsibu li din kienet l-ewwel kappella li tlestiet fil-bini tal-knisja parrokkjali ġdida. Kienet lesta fis-sena 1621 u kellha kull ma kienet tinħtieġ. Nafu li fis-sena 1627 kellha ukoll il-kwadru tagħha. Minn tagħrif dettaljat li nsibu fuqu fil-vista pastorali tal-1636, dan kien fih ix-xbiha tal-Kunċizzjoni u fuqha kien hemm ix-xbiha tal- Missier Etern . Skont dak ir-rapport dan il-kwadru kien ta' sbuħija kbira. Tgħid dan kien xogħol tal-pittur Francesco Barberi li jgħidulu 'Il Guercino'? Dan kien jgħix bejn l-1591 u l-1666. M'għandniex għax nistagħġbu li f'Ħal Tarxien forsi nsibu pittura ta' dan l-artist għax ġewwa l-Qala f'Għawdex insibu pittura tal-Kunċizzjoni ta' Federico Barrocco mill-Urbino fl-Italja li kien jgħix f'dak iż-żmien ukoll. Fuq is-sagristija l-qadima għad hemm kwadru qadim ħafna tal-Kunċizzjoni li għandu bżonn ta' restawr kbir.

Dijonisju Calleja għadu midfun fil-qabar li hemm f'nofs il-kappella tal-Kunċizzjoni fil-knisja parrokkjali tagħna.

Skont E. B. Vella fil-ktieb tiegħu **L-Istorja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid** li kien ħareġ fl-1932 fil-paġna 289 jikteb li l-fratellanza tal-Kunċizzjoni ġiet imwaqqfa fit-8 ta' Ottubru 1622. Forsi dik id-data turi t-twaqqif ta' Kongregazzjoni/Għaqda Marjana. Fil-ktieb **Melita Sacra II** ta' Mons Vince Borg li ħareġ fl-2015 f'paġna 153 insibu li l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġwann Mari Barbara flimkien ma' Dun Ġwann Barbara li

kien rettur u prefett ta' Kongregazzjoni (aħjar ngħidu Għaqda) Marjana għamel talba lill-isqof biex il-membri ta' dik il-Kongregazjoni/Għaqda biex ikunu jistgħu jiltaqgħu għat-talb tagħhom filgħaxijiet u s-Sibt filgħodu u fil-festi Marjani . Dan għax is-Sinodu li kien sar dak iż-żmien kien ordna li ma jsirux laqgħat fil-knejjes filgħaxijiet u fil-festi. L-isqof Astiria fl-20 ta'Settembru 1668 ħareġ digriet biex il-membri ta' dik il-Kongregazzjoni/Għaqda setgħu jiltaqgħu għat-talb tagħhom filgħaxijiet u fil-festi. L-istess isqof, Lorenzo Astiria , ħareġ digriet fit-12 ta' Diċembru 1668 li bih waqqaf il-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappella tagħha fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Fl-Arkivju parrokkjali, li jinsab f'kamra fuq is-sagristija, hemm tliet kotba li jagħtuna tagħrif fuq il-fratellanza tal-Kunċizzjoni u li f'wieħed minnhom hemm miktub l-ismijiet tal-ewwel membri ta' din il-fratellanza. Sas-sena 1687 kien hemm diġà 88 membru ta' din il-fratellanza. Fost il-membri tal-fratellanza kien hemm il-kappillan, diversi qassisin u xi nies li kellhom it-titlu 'Signor' jew 'Maestro' quddiem isimhom. Dan juri li xi frattelli professi kienu ta' ċerta kategorija. Il-professjoni (kitba) tal-fratelli kienet issir darbtejn fis-sena,

L-ewwel twaqqif ta' fratellanza tal-Kunċizzjoni saret f'Bormla fl-1581 filwaqt li fl-Isla u fil-Birgu fl-1646. Fil-knisja ta'San Franġisk tal-Belt Valletta hemm fratellanza ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni li twaqqfet fl-1637 u f'Ta'Ġieżu tar-Rabat hemm waħda li kienet imwaqqfa fl-1731. Dan juri li l-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien hi waħda mill-aktar antiki f'Malta. Għalhekk għandna nkunu kburin li missirijietna waqqfu din il-fratellanza tant snin ilu, jiġifieri 350 sena ilu.

**Kotba li ħadt tagħrif minnhom:**


'L-Istorja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid' ta' E. B. Vella (1932) paġna 289.

'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien' ta' Mons. V. Borg (1973) paġni 12, 18, 20, 22, 24, 58.

'Marian Devotions in the Island of St. Paul' ta' Mons. V. Borg (1983) paġni 89, 90, 99.

'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610-2010' Editjat minn Mons. V. Borg (2010) paġna 71.

'Melita Sacra II' ta' Mons. V, Borg (2015) paġna 153.

'Melita Sacra III' ta' Mons. V. Borg (2015) paġni 149, 153/4/5 u 793.

L-Ewwel ktieb ta' 'La Congregazione della Concezione di Maria Vergine' ktieb li jinsab fl-Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Tarxien.






